**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Rikors Guramentat numru : 151/15 AL

**AB**

**vs**

**Avukat Dr Noel Bartolo u l-PL Peter Sammut b'digriet tal-25 ta' Settembru 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-esponenti zzewweg lil CD liema zwieg bejn il-kontendenti partijiet safa *rez* impossibli u dan minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-istess CD.

Illi l-kontendenti zzewwgu nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) gewwa r-registru pubbliku liema dokument qieghed jigi anness bhala Doc LF1.

Illi matul dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi b'digriet ta' nhar il-hamsa (5) ta' Mejju 2015 numru 1152/15 l-esponenti gie moghti l-possibilta li jipprocedi bic-citazzjoni liema dokument qieghed jigi anness u mmarkat bhala Doc LF2.

Illi l-intimata kontinwament iccempel lil-esponenti u theddu sabiex jibghatilha l-flus jew inkella ser tipporcedi b'kawza kontrih.

Illi l-intimata giet deportata gewwa pajjiza.

Illi r-rikorrenti qied jipprocedi sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni taghom skond il-ligi.

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli unikament u esklussivamnet lill-konvenuta.
2. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv.
3. Tordna illi ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku.
4. Tinnomina kuraturi deputati ghall-konvenuta stante illi giet deportata minn gewwa Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi minn issa qeghda tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Peter Sammut, li permezz taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta

u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimata minnhom rapprezentata;

2. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimata;
3. Fit-tielet lok jigi rilevat illi it-talbiet huma karenti in kwantu m'hemmx talba ghax-xoljiment, likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti;
4. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Peter Sammut;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-provi prodotti;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn ir-rikorrent u martu, assenti minn Malta.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrent talab biss il-pronunċjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta assenti.

Il-fatti, f'din il-kawża, qed jiġu kompilati mill-unika prova miġjuba, u cioe` d-deposizzjoni tal-attur fl-affidavit tiegħu[1] fejn fil-qosor huwa xehed:

(a) Il-koppja iżżewġet fid-19 ta' Mejju 2012, kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ innumerat 850/2012[2] u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

---

[1] Fol. 31 tal-proċess
[2] Fol. 5 tal-proċess

(b) Il-ħajja miżżewġa għal bidu bdiet b'relazzjoni tajba imma wara ftit taż-żmien ma bdew jaqblu f'xejn. Kienu jiġġieldu kuljum u kien ukoll jintqal xi kliem bħal theddid.

(c) Il-koppja kienet tgħix ġo dar mikrija mingħand terzi.

(d) Il-ħajja matrimonjali tagħhom qatt ma ġiet fis-seħħ għaliex kull darba li r-rikorrent kien jersaq lejn martu, kienet titolbu jħalliha għax ma jkollhiex aptitu.

(e) Meta marru l-uffiċċju tal-immigrazzjoni biex l-intimata tkun tista' ġġedded il-karta tal-identita`, ir-rikorrent informa lill-awtoritajiet li hu ma setax jibqa' jgħix ma' din il-persuna għaliex hija kellha skopijiet differenti minn tiegħu;

(f) L-awtorita` għalqet il-visa tal-intimata u tatha tliet xhur sabiex tiġbor ħwejjiġha u toħroġ minn Malta, u fil-fatt hija ġiet deportata minn ġewwa Malta;

(g) Ir-rikorrent baqa' jirċievi messaġġi mingħandha fejn bdiet titolbu l-manteniment, jew theddu, jew titolbu sabiex jerġgħu jirranġaw;

PRINĊIPJI LEGALI

Ir-rikorrent ma jiċċitax l-artikolu fil-liġi tagħna li fuqu qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu. Jgħid sempliċiment illi ż-żwieġ ġie reż impossibbli.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tistħarreġ jekk il-fatti hawn mistqarra jikkwalifikawx għall-għoti tal-firda personali skond il-Kodiċi Ċivili[3] tagħna illi jistipula:

***38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.***

[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:***

***Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ, u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.***

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

M'huwiex allegat f'din il-kawża, u wisq inqas ippruvat, illi l-intimata wettqet xi adulterju.

Rigward l-abbandun, il-kriterji għal dikjarazzjoni ta' firda personali a bażi ta' abbandun huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba. Fil-każ odjern, jirriżulta illi l-intimata telqet mid-dar matrimonjali kontra x-xewqa tagħha u dana għaliex ġiet deportata minn Malta, stante li ż-żwieġ mal-attur ma rnexxiex. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jsarrafx f'abbandun għaliex l-intimata ma telqitx b'mod volontarju anzi ġiet imkeċċija kontra r-rieda tagħha u għalhekk fil-kaz odjern l-abbandun ma jikkostitwix motiv ta' separazzjoni personali.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[4] intqal: *"Mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-*

[4] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

*oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun iridi ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."* Dana oltre mill-fatt, li ma ġiex ippruvat meta ġiet hekk imkeċċija mid-dar matrimonjali.

Il-fatti mistqarra m'humiex tali li jistgħu jissarrfu f'eċċessi, theddid jew offiżi gravi. Ma jirriżultax li kien hemm dawn it-tip ta' estremi bejn il-partijiet.

Jirriżulta pero` li l-partijiet kienu ta' spiss jargumentaw u għalhekk jirriżulta li kien hemm inkompatibilita` ta' karattru bejn il-partijiet, iżda l-inkompatibilita` tal-karattri weħidha ma tagħtix lok għas-separazzjoni personali.

Inoltre, r-rikorrent jallega illi meta huwa kien jipprova jkollu relazzjonijiet sesswali ma' martu, dina kienet tirrifjuta. Dan l-atteġġjament fil-fehma tal-Qorti u skond il-ġurisprudenza tagħna jsarraf f'sevizzi, ossia moħqrija, fuq ir-rikorrent;

Fil-fatt, fil-kawża Marianna Attard vs. Achille Attard[5], ġie ritenut illi "*un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale*";

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hi bbażata fuq motiv ġust.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Fenech, bi ħtijiet imputabbli unikament u esklussivament lill-konvenuta;

[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1932; Vol. XXVIII P II p. 298,

[2] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tordna li ssir annotazzjoni ta' din is-sentenza fuq l-Att taż-Żwieġ innumerat 850/2012;

[3] It-tieni u r-raba' talba huma f'dan l-istadju superfluwi;

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimata, b'dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.